MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 401/2011

**Joseph Micallef**

**vs**

**A & M Printing Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-25 ta’ April 2011 li jghid hekk:

1. Permezz ta’ decizjoni datata 23 ta’ Novembru 2010 fl-ismijiet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited (talba numru 692/2010), it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kkundanna, *inter alia*, lill-attur odjern, ihallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ €2,329.37, bl-imghaxijiet skond il-Ligi u bl-ispejjez [Dok. ‘A’];

2. Is-socjeta` konvenuta segwiet din id-decizjoni b'mandat ta' sekwestru mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Jannar 2011 (riferenza numru 244/2011); is-socjeta` HSBC Bank Malta plc ipprocediet ghad-depozitu taht l-awtorita` tal-Qorti ta' fondi appartjenenti lill-attur kif tenuta li taghmel skond il-Ligi; dan permezz ta' cedola ta' depozitu pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Frar 2011 (riferenza numru 387/2011). Is-somma depozitata kienet dik ta' €2,788.02 [Dok. 'B' u Dok. 'C'];

3. Dawn il-fatti gew a konjizzjoni tal-attur biss wara illi sehhew, u dan permezz ta' zewg ittri mibghuta lilu mill-bank precitat u minn socjeta` illi tipprovdi taghrif dwar krediti, rispettivament datati 2 u 8 ta' Frar 2011 [Dok. 'D' u Dok. 'E'];

4. Kif jirrizulta mid-decizjoni succitata, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ipproceda ghad-decizjoni tieghu wara illi ha konjizzjoni tal-procedura kontemplata fl-artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u wara illi ha konjizzjoni tal-fatt illi l-attur odjern kien regolarment notifikat;

5. Kif jirrizulta mill-atti processwali tat-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, l-attur gie meqjus notifikat ai termini tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher filfatt mill-istess atti illi n-notifika tal-attur odjern dejjem kienet qieghda tipprova ssir f'indirizz gewwa l-Imsida; l-indirizz fejn filfatt twettqet ukoll il-procedura tal-affissjoni;

6. L-attur jirrisjedi fil-fond "Highrise', Flat 7, Triq l-Imgiebah, San Pawl il-Bahar" u ilu hemm jirrisjedi ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin [Dok. 'F' u Dok. 'G'];

7. L-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi illi notifika ssir bil-kunsinna tal-att gudizzjarju fil-lok fejn persuna tkun toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali tal-istess. L-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta inoltre jirrikjedi illi kemm-il darba post ta' residenza ta' persuna jkun maghruf l-att gudizzjarju ghandu jitwahhal mal-bieb ta' dik ir-

residenza. Huwa ghaldaqstant car u inekwivoku illi n-notifika mwettqa permezz tal-procedura tal-affissjoni mis-socjeta` konvenuta fil-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija wahda rregolari;

8. It-twettieq skond il-Ligi tan-notifika tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar setghet saret kieku s-socjeta` konvenuta hadet il-briga li tikkonsulta dokumenti pubblici. L-attur, minflok, gie allegatament notifikat f’post li la kien jabita fih u lanqas ma kien il-post tax-xoghol tieghu;

9. L-eghmil tas-socjeta` konvenuta u n-nuqqas taghha illi thares u twettaq htigijiet procedurali mandatorji, wassal ghall-irregolarita hawn fuq imsemmija, u bhala konsegwenza l-attur ma nghatax l-opportunita illi jiddefendi l-kaz tieghu; dan b’nuqqas ta’ tharis tal-principji tal-gustizzja naturali u fondamentali ghall-smigh xieraq;

11. Joseph Micallef (K.I. nru. 0436750(M)), jaf personalment b’dawn il-fatti kollha;

Raguni tat-Talba

1. Ghalhekk, fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili tal-kontendenti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza succitata, l-attur ma nghatax l-opportunita illi jiddefendi l-kaz tieghu stante illi ma kienx regolarment notifikat;

2. Ghalhekk, peress illi din l-Onoroabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni illi tissindika l-operat tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kazijiet preskritti mil-Ligi u mill-gurisprudenza, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri;

Talbiet

Tghid ghalhekk, is-socjeta` konvenuta, ‘l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 23 ta’ Novembru 2010 (talba numru 692/2010), fl-

ismijiet **A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited** nulla, invalida u minghajr effett u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tordna illi jigu rinvijati lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar l-atti tal-kawza msemmija fl-ewwel talba, ghas-smigh tal-Avviz skond kif titlob il-Ligi;

3. Konsegwentement tordna t-thassir tal-mandat ta' sekwestru mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Jannar 2011 (riferenza numru 244/2011) ghar-ragunijiet premessi u tawtorizza lill-attur jizbanka l-flejjes depozitati taht l-awtorita tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tac-cedola ta' depozitu datata 21 ta' Frar 2011 (riferenza numru 387/2011);

4. F'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma taccedix ghat-tielet talba, tordna illi l-flejjes depozitati taht l-awtorita tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tac-cedola ta' depozitu precitata jibqghu hekk depozitati sal-ezitu tal-proceduri gudizzjarji fl-ismijiet **A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited**, quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, li tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti tinvoka l-privilegium fori u teccepixxi l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 741(c) u 767 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-ufficcju registrat tal-kumpanija konvenuta jinsab gewwa l-Gzira ta' Ghawdex u l-persuna li ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja tal-imsemmija kumpanija hija wkoll residenti f' Ghawdex;

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tinkwadra taht l-ebda disposizzjoni misjuba fil-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta. In fatti, l-uniku rimedju misjub tl-istess Kapitolu huwa dritt ta' appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza moghtija mit-Tribunal u fl-ebda hin ma hemm accennat li tista' tittiehed l-azzjoni odjerna hekk kif proposta mill-attur. Ghalhekk, din l-azzjoni ghandha tigi michuda;

3. Illi fit-tielet lok u preliminarjament, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi u dana stante li f'din l-azzjoni ma gewx mharrka fil-kawza l-kontendenti kollha li kienu involuti fil-kawza bin-numru 692/2010 fl-ismijiet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited u fil-mandat ta' sekwestru bir-riferenza numru 244/2011. Ghaldaqstant, kemm l-ewwel talba u t-tielet talba kif dedotti ma jistghux jigu milqugha;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa sottomess ukoll li t-tielet talba lanqas ma tista' tigi milqugha peress li l-procedura adottata mill-attur hija nulla u mhijiex legalment ammissibbli u dana peress li l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta jistipola fid-dettal il-procedura li ghandha tigi segwita sabiex jigu attakkati atti ezekuttivi bhal dan il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. In fatti, skond l-artikolu 281 tal-Kap. 12, l-attur kellu jaghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li jixtieq jaghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors flimkien ma' talba li dan l-att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi. L-attur ma rrikorriex ghal din il-procedura li hija l-unika mezz

elenkat mil-ligi dwar kif jistghu jigu attakkati l-atti ezekuttivi, u ghalhekk din il-
Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talba tieghu;

5. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz infondati fid-dritt u fil-fatt;

6. Illi d-decizjoni fl-ismijiet "A & M Printing Limited vs Joseph Micallef u JM
Trading Agency Limited" tat-23 ta' Novembru 2010 (Talba 692/2010)
m'hijiex nulla, invalida u minghajr ebda effett legali;

7. Illi b'mod partikulari b'riferenza ghar-ragunijiet ghaliex qed jigi allegat li d-
decizjoni msemmija hija nulla, invalida u minghajr effett legali, huwa
sottomess li l-esponenti hija infurmata li kuntrarjament ghal dak allegat f'din
il-kawza, ir-rikorrenti Joseph Micallef verament jghix fl-indirizz "Joanne",
Tower Gate Street, Imsida, Malta, fejn l-istess esponenti ppruvat tinnotifikah
personalment. Ghaldaqstant, l-affissjoni kontestata f'din il-kawza kienet
verament regolari;

8. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li fi
kwalunkwe kaz in-notifika lill-intimati fl-atti tal-avviz fuq imsemmi ma saritx
biss bil-procedura tal-affissjoni izda saret ukoll bil-pubblikazzjoni fil-
Gazzetta a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema
notifika ghandha titqies bhala fi kwalunkwe kaz valida;

9. Konsegwentement, jirrizulta li kemm id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet
Zghar fuq imsemmija kif ukoll il-proceduri li segwewha kienu validi u
regolari, bil-konsegwenza li t-talbiet kollha tal-attrici

ghandhom jigu michuda;

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatti;

Rat illi s-socjeta' konvenuta irrinunzjat ghat-tieni eccezzjoni preliminari fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti ghas-16 ta' Novembru 2011;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet fuq dawn l-eccezzjonijiet u semghet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni bdiet b'sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tat-23 ta' Novembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet A & M Printing Limited vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited.

L-attur odjern qed jattakka din id-decizjoni b'kawza quddiem il-Prim'Awla f'Malta billi qed jallega li n-notifika tal-atti lilha fil-kawza quddiem it-Tribunal ma kienitx valida peress illi ma giex notifikat validament.

**Eccezzjoni ta' pivilegium fori**

Is-socjeta' konvenuta qed topponi li l-kawza tinstema' quddiem din il-Qorti billi s-socjeta' konvenuta eccipjenti ghandha l-ufficju registrat gewwa Ghawdex u ai termini tal-artikolu 741(c) u 767 il-Qorti li ghandha tiehu konjizzjoni ta' din it-talba hi l-Qorti ta' Ghawdex fil-gurisdizzjoni superjuri civili taghha.

L-attur qed jargumenta illi s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex ragun f'dan l-ilment billi dak li qed jigi attakkat hi sentenza Ghal Tribunal tat-Talbiet Zghar u billi t-Tribunal mhix Qorti ma japplikax il-beneficcju tal-privilegium fori ghas-socjeta' konvenuta u jaccenna ghal sentenza tal-Qorti tal-Appel Inferjuri fil-11 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet **John Portelli et vs Victor Cachia et** (24/01NA).

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attur. Is-sentenza kwotata minnu ma tikkonfortax it-tezi tieghu. L-appell li ghalih ghamel referenza l-attur hu msejjes fuq l-eccezzjoni tal-privilegium fori fi proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u l-appell kien qed isir minn dik is-sentenza u kien qed jitratta dan il-punt biss fl-isfera limitata tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

F’dan il-kaz prezenti quddiem il-Qorti, it-talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita ta’ sentenza, ghalkemm moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, mhix issir quddiem it-Tribunal fejn allura l-argument tal-attur kien ikollu validita, pero qed isir fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn allura l-artikoli 741(c) u 767 tal-Kapitolu 12 huma applikabbli.

Dawn l-artikoli jghidu hekk:

L-artikolu 741(c) ighid hekk:
741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista’ tingħata -
(ċ) meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari.

L-artikolu 767 jistipula hekk:
767. Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta’ Malta rigward il-qrati ta’ dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta’ Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta’ dawk il-Gżejjer.

Din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 50 tal-Kap. 12 li jghid hekk:
… il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), b’esklużjoni tal-qrati ta’ Malta, hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta’ kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta’ Għawdex jew ta’ Kemmuna, kif ukoll ta’ dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti.

Dan l-artikolu hu ottemperat bl-artikolu 770 tal-Kap. 12 li jghid:

770. Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.

Jigi relevat qabel xejn illi l-beneficju tal-privilegium fori hu dritt tal-persuna li tigi mharrka f'dik il-Qorti tal-gzira fejn tghix cioe Malta jew Ghawdex li tinkludi Kemmuna. Ghalhekk dan mhuiex privilegg tal-persuna li qeghda tharrek izda ta' dak li qed jigi mharrek (**Casafrenghi Ltd vs Veenpro-Dircten-Maatschappij Eurovcen B.V.**, 01/02/2011AE).

Hu ammess mill-attur illi l-ufficju registrat tal-kumpanija konvenuta (li hi 'persuna' ai finijiet tal-ligi) hu f'Ghawdex u ghalhekk ai termini tal-artikoli tal-ligi precitati ma hemmx raguni ghalfejn l-eccezzjoni u l-beneficcju tal-privilegium fori ma ghandhux issib gustifikazzjoni. Ma hemm ebda raguni ghalfejn din il-kawza tinstema' f'Malta billi din il-kawza mhix dwar obbligazzjoni li ghandha tigi ezegwita f'Malta kif irid l-artikolu 770 izda dwar nullita ta' decizjoni mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar dwar nuqqas ta' notifika valida fejn allura r-regoli tal-privilegium fori japplikaw kif qalu decizjonijiet ohra tal-Qorti fosthom **Joseph Pace vs Dun Anton Sultana** (PA 23/02/1999 RCP).

Stante li qed tigi milqugha din l-eccezzjoni preliminari ma hemmx lok li l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kwistjoni preliminari l-ohra mressqa.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara illi l-Qorti kompetenti biex tisma' din il-kawza hi l-Qorti ta' Ghawdex fil-gurisdizzjoni superjuri taghha u ghalhekk din il-Qorti hi inkompetenti biex tisma' l-kawza attrici. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------